MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 470/2005

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA).**

**Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Mejju 2007**

**Avviz Numru 470/05 CSH**

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**Vs**

**Pulcinella Limited (C-25857)**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-registru ta' din il-Qorti fejn tablet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin lira u erbgha u erbghin lira Maltin (LM2,026.44), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u

konsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fil-post Pulcinella Pizzeria, St. George's road, St. Julians u dan kif jirrizulta mir-rendikont markat Dok. 1.

Bl-imghaxijiet mill-11 ta' Marzu 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta konvenuta li tinsab minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma dehritx sabiex tikkontesta t-talba attrici u u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti mis-socjeta attici ssib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u dan fl-ammont imsemmi fl-avviz ta' elfejn u sitta u ghoxrin lira u erbgha u erbghin lira Maltin (LM2,026.44).

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta' elfejn u sitta u ghoxrin lira u erbgha u erbghin lira Maltin (LM2,026.44) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------